# Il-Ħadd 18.02.2018

1. Illum 18/02, **l-Ewwel Ħadd tar-Randan:**
   - Matul dan ir-Randan, it-tfal qed jiġu mogħtija stampa mill-katekisti fid-Duttrina biex ipinġuha u jġibuha magħhom il-quddiesa tal-Ħadd, speċjalment f'dik tat-8:15am, u hekk isservi ta' għajnuna fil-ħin tal-omelija. Infakkru lill-ġenituri u l-kustodji biex jgħinnu u jħeġġu lit-tfal ħalli jinvolvu ruħhom sabiex il-quddiesa tkun aktar attraenti u tista' tħalli aktar il-frott spiritwali mixtieq.

2. Il-Ħamis 22/02:
   - Fis-6:30pm - Servizz ta' Talb Ekumeniku fir-Randan, organizzat mill-Kunsill Ekumeniku Malti, fil-Knisja ta' Damaxxena, il-Belt Valletta. Kulħadd mistieden.

3. Il-Ġimgħa 23/02:
   - Fuq xewqa tal-Papa Franġisku, u flimkien mal-kristjani kollha, ngħixu din il-ġurnata bħala *Jum ta' Sawm u Talb għall-Paċi fid-Dinja*, b'mod partikolari għall-popolazzjonijiet tar-Republika Demokratika tal-Congo u tas-Sudan t'Isfel.
   - Fit-8:00pm - Laqgħa għall-koppji miżżewġa fiċ-Ċentru Parrokkjali.

4. Il-Ħadd 25/02, **it-Tieni Ħadd tar-Randan**.

5. Avviżi oħra:
   - Tajjeb li nagħtu aktar importanza lill-ħin tal-Adorazzjoni,
     speċjalment f'dan iż-żmien tar-Randan,
     kemm hawn fil-knisja u kemm fil-kappella ta' Santa Marija:
     - Filgħodu mit-8:00am sa' 12:00pm, u
     - Filgħaxija mit-3:00pm sas-6:00pm.
   - Infakkar li bħala Parroċċa qed norganizzaw Pellegrinaġġ għal Lourdes fi Franza bejn it-Tnejn 09/07 u l-Ġimgħa 13/07. Min hu interessat jieħu sehem, jista' jikseb aktar informazzjoni mill-Uffiċċju Parrokkjali.

6. Avviżi mill-Kunsill Lokali:
   - Il-Ħadd 25/02, mill-10:00am 'il quddiem, il-Kunsill Lokali bil-kollaborazzjoni mal-*barmen* tal-Każini tal-lokal qed jorganizzaw *The Ħal Safi Car Show* b'risq *Puttinu Cares*, f'Misraħ il-Knisja u Triq iż-Żurrieq. Kulħadd mistieden.
   - Il-Kunsill ifakkar li l-Uffiċċjal tas-Sigurtà Soċjali qed tkun l-uffiċċju tal-Kunsill Lokali darba fil-ġimgħa, jiġifieri kull nhar t'Erbgħa bejn l-10:00am u nofsinhar.